**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 292, tas-17 ta' Lulju 2015, għar-rigward tal-każ imqajjem f'Seduta 291 tal-15 ta' Lulju 2015 mill-Ministru Carmelo Abela fil-konfront ta' membru tal-_media_**

Is-Sedja qiegħda tagħmel referenza għall-ilment li ressaq il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali l-Onor Carmelo Abela fis-Seduta 291 tal-15 ta' Lulju 2015 meta huwa ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għad-direzzjoni li s-Sedja kienet ħarġet dwar l-*area* assenjata lill-ġurnalisti barra 'l Parlament. Fl-ilment tiegħu l-Ministru Abela qal li dakinhar, hekk kif kien dieħel fil-binja tal-Parlament, kien hemm persuna tal-*media* ta' stazzjon partikolari li minflok ma qagħdet fl-*area* assenjata għall-ġurnalisti, kienet qed tiġri fil-pjazza wara l-Membri biex teħdilhom kumment.

Is-Sedja għamlet referenza wkoll għal *ruling* mogħti minnha fis-Seduta 277 tas-16 ta' Ġunju 2015 fejn kienet qalet li:

> "Is-Sedja ttenni li jeżistu *areas* delineati b'numru ta' *bollards* kemm ħdejn il-blokk amministrattiv kif ukoll ħdejn il-blokk fejn hemm is-sala tal-Parlament, li jindikaw sa fejn jistgħu jaslu l-membri tal-*media*. Peress li l-ispazju ta' madwar iż-żewġ blokki huwa aċċessibbli għall-pubbliku, mhuwiex possibbli li wieħed jirrestrinġi dan l-ispazju pubbliku biex ma jħallix ġurnalisti f'dan l-istess spazju. Dan huwa spazju pubbliku li naturalment huwa aċċessibbli anke għall-ġurnalisti. Kif diġà ntqal, is-Sedja kienet ħadet il-passi sabiex jitpoġġew dawn il-*bollards* li jindikaw sa fejn jistgħu jaslu l-membri tal-*media*."

Is-Sedja għamlet referenza wkoll għal *ruling* mogħti mill-Ispeaker Michael Frendo fis-seduta 399 tat-12 ta' Jannar 2012 u nikkwota:

> "Is-Sedja tikkonstata li dan il-każ iqajjem dawn il-konsiderazzjonijiet:
>
> 1. L-importanza li l-istampa u x-xandir f'pajjiż demokratiku jkollhom il-wisgħa kollha neċessarja biex jaqdu d-dmirijiet tagħhom li huma kruċjali għad-demokrazija;
>
> 2. L-importanza li, f'pajjiż demokratiku, kull Membru Parlamentari jkun jista' jiġi fil-Parlament mingħajr l-ebda xkiel ta' kwalunkwe natura huwa u sejjer lejn il-Parlament u ġej lura mill-Parlament."

Wara li s-Sedja vverifikat li d-delineament imsemmi hawn fuq kien fil-fatt f'postu hija eżaminat il-filmat tas-CCTV relattiv, minn liema eżami s-Sedja tikkonkludi li ma jirriżultax li hemm biżżejjed elementi li jammontaw għal tfixkil skont il-paragrafu (d) tas-subinċiż (4) tal-artikolu 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113) li jgħid li jkun reat kontra dan l-Att:

> “kull min jaħbat għal Membru, ifixklu jew jinsultah filwaqt li jkun sejjer jew ġej lura mill-Kamra jew minħabba d-dmirijiet tiegħu fil-Kamra, jew kull min, b’forza, b’insult jew b’theddid, ifittex li jġiegħel Membru illi jiddikjara ruħu favur jew kontra proposta jew xi ħaġa li tkun għadha miexja jew li tkun sejra tinġieb quddiem il-Kamra;”

Madankollu, is-Sedja qiegħda tieħu din l-okkażjoni sabiex tfakkar lill-membri tal-*media* sabiex jirrispettaw dawn iż-żoni riżervati u jieħdu nota ta’ dak li jgħid il-Kap. 113 jiġifieri li bl-ebda mod ma jistgħu jostakolaw lill-Membri Parlamentari waqt li jkunu deħlin jew ħerġin mill-bini tal-Parlament.